# HERITAGE MALTA FDATA BL-INKARIGU LI TOĦLOQ VERŻJONI DIĠITALI TAL-ISTATWA TAR-REDENTUR TAL-ISLA

**Stqarrija | 21 ta' Awwissu 2023**

It-Taqsima tad-Diġitizzazzjoni ta' Heritage Malta se tiskennja u toħloq verżjoni diġitali tridimensjonali tal-istatwa ikonika tar-Redentur tal-Isla. Dan huwa biss wieħed mill-provedimenti ta' Memorandum of Understanding li ġie ffirmat minn Heritage Malta u mill-għaqda volontarja SOCEP (Senglean Organisation of Culture and Ecclesiastical Patrimony).

Taħt dan il-ftehim, Heritage Malta se tipprovdi wkoll konsulenza teknika u se tgħin lil SOCEP billi tiddiġitizza assi b'mod bidimensjonali u toħloq l-istrutturi ta' metadata relatati. Min-naħa tagħha, SOCEP qablet li tagħti aċċess għall-artefatti li se jiġu diġitizzati.

Heritage Malta hija l-aġenzija nazzjonali responsabbli mill-maniġġar, il-preservazzjoni u d-diġitizzazzjoni tal-wirt kulturali, kif ukoll l-aggregatur nazzjonali għall-wirt kulturali diġitizzat. Fid-dawl tal-esperjenza teknika tal-aġenzija fid-diġitizzazzjoni ta' assi kulturali, kif ukoll il-kollaborazzjoni fil-wirja dwar Francesco Zahra li saret f'Mejju li għadda fl-Oratorju tas-Santissimu Kurċifiss fl-Isla, kienet deċiżjoni naturali għal SOCEP li tavviċina lil Heritage Malta għal dan il-proġett.

Il-Memorandum of Understanding ġie ffirmat minn Noel Zammit, Kap Eżekuttiv, f'isem Heritage Malta, u l-Kanonku Robin Camilleri, li hu l-Arċipriet tal-Isla u l-President ta' SOCEP, f'isem l-għaqda volontarja. Il-ftehim ikopri perjodu ta' ħames snin u jista' jiġġedded.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta